MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Numru. 983/2002

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD ZARB
VS
ALEX CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alex Caruana ta' 29 sena bin il-mejjet Carmelo u Josephine nee Cucciardi, imwieled Pieta fis-7 ta' Lulju 1972 residenti Charlene, Triq Bluebell, Fgura u detentur tal-karta tal-identita numru 317073M u talli f'dawn il-gzejjer, fid-29 t'Ottubru 2002 u fiz-zmien ta' qabel, fil-Birgu u fi bnadi ohra ta' dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni eahda xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe baseball caps tal-marka Adidas u Nike u dan bi ksur tal-artikolu 298(1)(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli naqas li jopera minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija ghat-tenur tal-LN 120/92

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 298(1)(f) u 28A tal-kap 9 u LN120/02 tikundannah ghall-Lm200 multa li ghandhom jithallsu b'rati mensili ta' Lm19 u tikkundannah ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sena filwaqt li tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------